# Cyber space

**Kummenti dwar websajts li żort**



minn **Salvu Felice Pace**

sfelicep@go.net.mt

## Kappelli Maltin u Għawdxin

Kont ilni ma nidħol fil-websajt *www.kappellimaltin.com.* Kont iddedikajt din il-kolonna lil dan is-sit meta xi ħadd qalli bih.

Din hi websajt attiva ħafna. Kibret fuq li kibret, iżda żammet livell għoli ta' kitba, riċerka, preżentazzjoni u varjetà.

Minn żmien għal ieħor, fis-sit tidher kolonna bl-isem 'X'Hemm Ġdid?' U hemm issib dak kollu li sab ruħu fis-sit wara l-aħħar aġġornamenti. Is-sit diġà għandu diversi taqsimiet li jistgħu jitgawdew mill-viżitaturi b'interessi differenti.

Sit bħal dan hu mimli storja, bħal leggendi li jmorru lura s-sekli, apprezzament tal-arkitettura, fotografija ta' pitturi, binjiet, oġġetti sagri u ħafna aktar, aħbarijiet dwar ir-restawr li jkun qed isir f'uħud minn dawn il-ġojjelli tagħna, tagħrif dwar il-qaddisin, artikli speċjalizzati u kurżitajiet.

Din tal-aħħar, bl-isem 'Kurżitajiet', hi taqsima reċenti fejn il-viżitaturi jistgħu jibagħtu xi tagħrif li jkunu sabu huma stess u jridu jaqsmu dawn is-sejbiet ma' ħaddieħor. Din hi websajt li turi dedikazzjoni kbira.

Is-Sinjuri Joe Brincat, Roderick Busuttil, Noel Ciantar, Anthony M. Brincat u Caroline Camenzuli jixirqilhom il-gratitudni tal-poplu Malti u Għawdxi għal dan il-kapulavur li bla dubju ta' xejn qed isaħħaħ il-patrimonju ta' artna.

## Firxa ta' kappelli

Biex nagħti idea tal-firxa wiesgħa tal-kappelli li sa issa jinsabu elenkati fil-websajt, se nġib l-isem tal-post fejn jinsabu dawn il-kappelli, bin-numru tal-kappelli fil-parentesi.

Ħ'Attard (1), Baħar iċ-Ċagħaq (1), Il-Baħrija (1), Ħal Balzan (3), Bengħajsa (1), Binġemma (1), il-Birgu (3), Birkirkara (5), Birżebbuġa (1), Bormla (2), Burmarrad (1), il-Buskett (1), iċ-Ċitadella f'Għawdex (2), Ħad-Dingli (2), il-Furjana (1), Għajnsielem (2), l-Għarb (4), il-Għargħur (1), Ħal Għaxaq (3), il-Gudja (3), il-Ħamrun (1), l-Isla (1), il-Kalkara (1), Kemmuna (1), Ħal Lija (2), l-Iklin (1), Ħal Luqa (1), il-Marsa (1), Marsaskala (2), Marsaxlokk (1), l-Imdina (3), il-Mellieħa (2), il-Mosta (6), l-Imqabba (3), l-Imsida (1), l-Imtarfa (1), in-Naxxar (5), Tal-Pietà (1), il-Qala (2), Ħal Qormi (4), il-Qrendi (3), ir-Rabat (Malta) (7), ir-Rabat (Għawdex) (2), Raħal Ġdid (1), Ħal Safi (1), San Ġiljan (1), San Ġwann (3), San Pawl il-Baħar (1), Santa Luċija (Għawdex) (1), Santa Venera (1), is-Siġġiewi (4), Tas-Sliema (1), Ħal Tarxien (2), Valletta (3), Ix-Xagħra (Għawdex) (1), ix-Xewkija (1), ix-Xemxija – il-Pwales (1), ix-Xlendi (1), Ħaż-Żabbar (2), Ħaż-Żebbuġ (2), iż-Żejtun, u (4) iż-Żurrieq (4).

Naħseb li bħali intom tafu b'kappelli oħrajn. Inkuraġġixxu lir-retturi biex dawn ukoll jidħru fis-sit.